MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2009

Talba Numru. 565/2008

**Hamid el Faiq**

**vs**

**Stefan Georgiev Naydenov**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab hlas ta' sitt mija u tmienja u hamsin centezmi (€600.58) rapprezentanti bilanc ta` somma akbar rapprezentanti flus mislufa lill-konvenut skond skrittura tat-30 ta' April, 2008 annessa mat-talba.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra interpellatorja tal-11 ta' Gunju, 2008 kontra l-konvenut minn issa ngunt personalment in subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat.

Illi l-konvenut kien deher ghas-seduta ta` l-4 ta' Dicembru, 2008 u fic-cirkostanza t-Tribunal ta lill-konvenut sad-19 ta' Dicembru, 2008 ghar-risposta.

Illi fis-seduta tad-9 ta' Jannar, 2009 il-konvenut debitament notifikat u imsejjah tlett darbiet ma deherx u t-Tribunal jirrilleva illi lanqas ma giet ipprezentata risposta kif ordnat mit-Tribunal.

Ra illi gie pprezentat Kapitolu fid-9 ta' Jannar, 2009 mill-Avukat Melanie Schembri u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenut naqas li jikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------